

**Brussell, 10 ta' Marzu 2026
(OR. en)**

7213/26

**ENER 125
FISC 102
ECOFIN 324
COMPET 307
ENV 228**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 116 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija għall-Investiment fl-Enerġija Nadifa

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 116 final.

Mehmuż: COM(2026) 116 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 10.3.2026
COM(2026) 116 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Strateġija għall-Investiment fl-Enerġija Nadifa

1 INTRODUZZJONI

It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa hija vitali għall-awtonomija strateġika, għall-kompetittività u għall-prosperità sostenibbli tal-Ewropa. Id-dekarbonizzazzjoni hija opportunità għat-*tkabbir ekonomiku* u l-impjiegi madwar l-Ewropa. Kif jenfasizza r-rapport ta' Draghi¹, biex l-ambizzjonijiet tagħna jinbidlu f'realtà hemm bżonn ta' livelli bla preċedent ta' investment u b'mod partikolari ta' approċċ aktar integrat għall-mobilizzazzjoni tal-kapital pubbliku u privat.

Il-Kummissjoni tistma² li biex nilħqu l-oġettivi tagħna tat-tranżizzjoni tal-enerġija u niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha, il-livelli ta' investment fis-settur tal-enerġija jridu jilhqqu madwar EUR 660 biljun fis-sena bejn l-2026 u l-2030, li jizdedu għal EUR 695 biljun fis-sena mill-2031 sal-2040. Din hija żieda sostanzjali meta mqabbla mal-medja annwali ta' EUR 240 biljun osservata bejn l-2011 u l-2021. Dawn l-investimenti jeħtieġ li jinkludu n-naħa tal-provvista (ġenerazzjoni), id-domanda (effiċjenza enerġetika), u l-infrastruttura (grilji).

Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) huwa finanzjatur fundamentali tat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn enerġija nadifa, li jgħaqqad is-self, il-garanziji, l-investment u l-appoġġ konsultattiv biex titħaffef il-bidla lejn sistema tal-enerġija sigura, kompetittiva u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. F'dan il-kuntest, il-Grupp **beħsiebu jipprovdi aktar minn EUR 75 biljun ta' finanzjament matul it-3 snin li ġejjin b'appoġġ għall-oġettivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija u din l-Istrateġija għall-Investment fl-Enerġija Nadifa, abbażi tal-firxa sħiħa ta' prodotti finanzjarji u servizzi ta' konsulenza għad-dispożizzjoni tiegħu.**

Barra minn hekk, inizjattivi Ewropej bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — Enerġija (FNE), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) u l-kapitoli tar-REPowerEU, għenu biex jiġu aċċellerati l-investimenti. Madankollu, għad hemm ostakli għall-pass u l-iskala tal-mobilizzazzjoni tal-kapital privat fis-segmenti tal-enerġija nadifa. Filwaqt li l-Ewropa tipprovdi prevedibbiltà regolatorja u stabbiltà tal-politika għall-mobilizzazzjoni tal-kapital istituzzjonali fit-tul, il-proċessi twal għall-*ħruġ tal-permessi* u għall-konnessjoni mal-grilja jnaqqsu l-varar u jżidu r-riskji. Is-swieq frammentati — b'regoli, bi standards u bi Prattiki ta' ppjanar diverġenti — iżidu l-kostijiet tat-tranżazzjoni u jxekklu l-espansjoni. F'ħafna oqsma, il-valur sħiħ tas-sistema tal-investimenti fl-enerġija nadifa ma huwiex rifless, u dan inaqqas l-attrazzjoni tagħhom għall-investituri privati. Evidenza reċenti tissuġġerixxi li f'ċerti setturi t-*tkabbir tal-investment* qed jonqos u saħansitra qed jitreġġa' lura.

Il-kapital privat huwa disponibbli u jrid jiġi mmobilizzat

Madankollu, l-iskala ta' investment meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija taqbeż bil-kbir il-kapaċità ta' finanzjament pubbliku mill-baġits nazzjonali, mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u mill-Grupp tal-BEI. Il-fondi pubbliċi jridu jintużaw mhux bħala sors primarju ta' finanzjament, iżda bħala lieva strateġika biex tiġi attirata din it-taħlita usa' ta' finanzjament

¹ https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_en.

² Iċ-ċifri kollha relatati mal-*ħtiġijiet* ta' investment f'dan id-dokument, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, huma bbażati fuq l-immudellar għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2040 (SWD/2024/63 final).

bankarju u tas-suq kapitali biex fl-aħħar mill-aħħar jonqos il-kost globali tat-tranżizzjoni. Dan huwa partikolarment importanti f'sistema tal-enerġija dejjem aktar xprunata min-nefqa kapitali bil-quddiem. Barra minn hekk, l-appoġġ pubbliku jista' jgħin biex il-kostijiet tat-tranżizzjoni jitqassmu tul il-ħajja tal-assi, u b'hekk jiġu evitati l-ogħla livelli tal-prezzijiet fuq terminu qasir.

L-ilħuq tal-iskala u tal-ambitu tal-ħtiġijiet ta' investment jiddependi fuq id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament biex jiġu mmobilizzati bis-sħiħ il-kapital istituzzjonali, il-kapital ta' riskju, u l-ekwità privata kif ukoll is-sorsi tradizzjonali. Meta wieħed iħares 'il quddiem, is-suċċess tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti se jkun essenzjali għall-istabbiliment tas-swieq kapitali profondi u likwidi meħtieġa għal dan l-għan.

Din l-istrateġija għandha l-għan li tiffaċilita l-mobilizzazzjoni tal-investment privat fis-settur tal-enerġija billi ttejjeb ir-rabta bejn il-kapital privat disponibbli u r-riżerva ta' proġetti tal-enerġija tal-Ewropa. Madwar EUR 33,7 triljun f'assi huma taħt ġestjoni privata fl-Ewropa³. L-investituri istituzzjonali (eż. assiguraturi u fondi ta' pensjoni) jikkontrollaw aktar minn EUR 12-il triljun⁴ ta' assi fl-Ewropa u jfittxu r-redditi stabbli u fit-tul li l-proġetti tal-enerġija jistgħu jipprovdu, b'qafas xieraq fis-seħħ.

L-Istrateġija għall-Investment fl-Enerġija Nadifa tikkomplementa inizjattivi tal-UE, kif ukoll l-azzjonijiet tal-Istati Membri mmirati biex inaqqsu r-riskju u l-inċertezza, u joħolqu kundizzjonijiet ta' investment stabbli u attraenti, u b'hekk isaħħu l-kompetittività u s-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa.

2 L-ISFRUTTAR TAL-KAPITAL PRIVAT FUQ L-ISKALA MEĦTIEĠA BIEX TITWETTAQ IT-TRANŻIZZJONI TAL-ENERĠIJA

Għalhekk, din l-Istrateġija għall-Investment fl-Enerġija Nadifa hija mfassla biex tippromwovi l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat, it-tnaqqis immirat tar-riskji tal-investimenti, u kooperazzjoni strutturata mal-komunità finanzjarja.

APPOĠĠ GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SWIEQ KAPITALI GĦALL-INFRASTRUTTURA TAL-ENERĠIJA

Investimenti akbar u aċċellerati fil-grilji u n-networks, is-sinla tas-sistema tal-enerġija, huma essenzjali għall-kompetittività u s-sigurtà Ewropej. Ir-rapport ta' Draghi jwissi li sempliċiment l-investment fil-ġenerazzjoni tal-elettriku nadif ma huwiex biżżejjed; sforzi paralleli biex tissaħħaħ u biex tiġi mmodernizzata l-infrastruttura tan-network u l-integrazzjoni tas-sistema, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi u diġitali, huma essenzjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni tal-enerġija b'suċċess. Madankollu, il-mekkaniżmi ta' finanzjament kurrenti jonqsu milli jimmobilizzaw il-kapital fuq l-iskala u bil-veloċità meħtieġa.

³ EFAMA, Asset Management in Europe (16th Edition, 2024) & EFAMA: Our Industry in Numbers (Paġna ta' Data Diretta)

⁴ EIOPA: [EIOPA and the EU Institutions - European Insurance and Occupational Pensions Authority](#)

Sabiex jitnaqqsu dawn id-diskrepanzi, u b'mod li jikkomplementa l-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej, il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Grupp tal-BEI, se timplimenta strateġija mmirata biex tittrasforma d-drittijiet finanzjarji għal flussi ta' flus futuri assoċjati mal-assi tal-enerġija f'titoli likwidi u ta' grad ta' investment.

Barra minn hekk, il-programmi leġiżlattivi, kif ukoll ir-riformi għall-qafas prudenzjali għall-assiguraturi mwettqa skont ir-rieżami tar-Regolament Delegat ta' Solvenza II, se jkollhom rwol ċentrali fl-iżblukkar tal-kapital privat. Billi jnaqqsu l-kost tal-investimenti fl-ekwità u tat-titolizzazzjonijiet fit-tul u jirrikonoxxu l-effett ta' tnaqqis tar-riskju tal-garanziji tal-UE jew nazzjonali fir-reqwiżiti kapitali, dawn ir-riformi jistgħu jinkoraġġixxu l-investimenti fl-enerġija nadifa. L-assiguraturi se jkunu meħtieġa jintegraw xenarji klimatiċi li jħarsu' l quddiem fil-ġestjoni tar-riskju tagħhom, li għandhom ikomplu jappoġġaw bidla gradwali tal-investimenti lejn enerġija nadifa.

Azzjoni 1: Tisħiħ tal-Karti tal-Bilanċ tal-Operatur tal-Grilja

Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi (DSOs u TSOs) ikunu jistgħu jiffinanzjaw titjib massiv fl-infrastruttura filwaqt li jżommu klassifikazzjonijiet tal-kreditu għoljin, se jintużaw sett ta' faċilitajiet imfassla għall-ħtiġijiet differenti tal-operaturi:

a) Fond ta' Investment għall-Infrastruttura Strateġika (Fond SII, Strategic Infrastructure Investment Fund)

Ħafna proġetti kruċjali għat-tranżizzjoni tal-enerġija jonqsu milli jilhqg għeluq finanzjarju minħabba lakuni fl-ekwità li l-fondi speċjalizzati, jew l-investituri privati ma jistgħux ikopru waħedhom. Biex jindirizza dan, **il-Fond ta' Investment għall-Infrastruttura Strateġika (Fond SII)** se jaġixxi bħala **Pjattaforma ta' Ekwità** li tiffaċilita l-**Koinvestment** immirat **tal-Proġetti** flimkien mal-fondi tal-infrastruttura.

Il-Grupp tal-BEI se jimpenja ruħu b'ammont indikattiv sa EUR 500 miljun, filwaqt li jipprovdi l-**kapital ta' ankraġġ** meħtieġ biex jinvesti fi proġetti speċifiċi tal-infrastruttura tal-enerġija. Dan il-mudell kollaborattiv jippermetti lill-manigiers privati jisfruttaw il-perjodu ta' investment fit-tul u l-għarfien espert tekniku tal-BEI, filwaqt li jiżguraw li l-ekwità privata fuq skala kbira tiġi mmobilizzata fl-aktar segmenti kritiċi tan-network Ewropew tal-enerġija.

Koinvestimenti jippermettu appoġġ immirat għal dawk il-proġetti jew il-kumpaniji li ma għandhomx finanzjament jew li jbatu biex jiġbru biżżejjed kapital biex ilestu l-pjanijiet ta' investment tagħhom. Dan jiżgura l-massimizzazzjoni tal-impatt tal-Grupp tal-BEI, permezz ta' strateġiji mmirati li jindirizzaw oqsma ta' prijorità ta' politika definiti b'mod ċar, li jkun diffiċli li jiġu mqabbla permezz tal-istrateġiji ġeneralisti tradizzjonali disponibbli fis-suq.

b) Il-Faċilità ta' Titolizzazzjoni għall-Operaturi

Filwaqt li jibnu fuq ir-rwol stabbilit tal-Grupp tal-BEI fil-finanzjament tal-infrastruttura tal-enerġija Ewropea, il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI beħsiebhom jikkollaboraw fuq Faċilità tat-

Titolizzazzjoni għall-Operaturi (OSF, Operator Securitisation Facility). Din l-inizjattiva jkollha l-għan li tikkomplementa l-istrumenti eżistenti tal-BEI billi tevalwa l-istrutturi ta' finanzjament li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jistgħu jikkonvertu flussi ta' dħul regolati futuri f'likwidità immedjata. L-objettiv primarju huwa li jiġi evalwat kif il-kapital istituzzjonali jista' jiġi mobilizzat b'mod effettiv filwaqt li jiġi żgurat li l-assi fiżiċi jibqgħu taħt sjieda pubblika. Bl-allinjament ta' durati ta' finanzjament maċ-ċiklu tal-ħajja twil tal-assi tal-grilja, l-OSF tista' tgħin fit-tnaqqis tar-riskji ta' rifinanzjament u tal-kost totali tal-kapital, filwaqt li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-grilja mingħajr pressjoni żejda fuq it-tariffi tal-enerġija. Sabiex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet differenti tas-suq u l-profil tal-operaturi, il-qafas propost jibqa' flessibbli. Filwaqt li l-operaturi tal-grilja fuq skala kbira jistgħu jużaw ħruġ awtonomu, il-faċilità hija miftuħa wkoll biex tesplora l-għbir flimkien ta' operaturi differenti tal-grilja bħala għażla potenzjali waħda fost l-oħrajn, b'mod partikolari għal entitajiet iżgħar.

c) Bonds Ibridi

Il-BEI jappoġġa investimenti minn utilitajiet regolati permezz tax-xiri ta' bonds ibridi⁵. Il-parteċipazzjoni tal-Grupp tal-BEI bħala investitur ta' appoġġ tipprovdi sinjal pożittiv lil investituri oħra u tagħti spinta lill-interess fil-proċess tal-għbir ta' fondi. Dan isaħħaħ ukoll il-pożizzjoni finanzjarja tal-operaturi minħabba li l-istrumenti użati huma ttrattati bħala ekwità, u dan huwa ta' benefiċċju għall-karti tal-bilanċ tagħhom.

Azzjoni 2: Appoġġ għall-aċċess għall-finanzjament għall-operaturi permezz tat-titolizzazzjoni tas-self u s-self intermedjat għall-operaturi ż-żgħar

Il-Kummissjoni se tesplora, flimkien mal-BIE, kif jista' jingħata appoġġ aħjar għall-aċċess għall-finanzjament għall-operaturi tal-grilja billi tillibera l-kapaċità ta' self tal-banek, tippermettilhom jagħtu self għdid lill-operaturi tal-grilja mingħajr dipendenza diretta fuq is-sussidji pubbliċi jew il-baġits tal-Istat, filwaqt li jiġi attirat il-kapital istituzzjonali privat.

L-għan huwa li l-banek kummerċjali jiġu inċentivati jagħtu self għdid lill-operaturi tal-grilja, inkluż billi jipprovdu appoġġ għall-promozzjoni tat-titolizzazzjoni tal-portafolli tas-self eżistenti, f'konformità mal-qafas tat-titolizzazzjoni tal-UE, sabiex il-banek parteċipanti jużaw il-kapaċità tal-karta tal-bilanċ illiberata biex jestendu self għdid lill-operaturi tal-grilja. Il-Grupp tal-BEI jista' jikkontribwixxi għall-inizjattiva permezz tal-prodotti eżistenti tiegħu, inkluża t-titolizzazzjoni — kontinġenti fuq domanda li tintwera.

Barra minn hekk, filwaqt li jiġi rikonoxxut li x-xenarju tad-DSO tal-UE jikkonsisti f'għadd kbir u varjat ta' operaturi b'daqsijiet, ambjenti legali u reġimi regolatorji differenti, il-banek kummerċjali reġionali u lokali jista' jkollhom rwol importanti biex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-settur u tiġi

⁵ Il-Bonds Ibridi huma ttrattati parzjalment bħala ekwità u jippermettu lill-operaturi jżidu l-kapaċità tad-dejn tagħhom, u għalhekk il-kapaċità ta' investment, mingħajr ma jiksru l-limiti ta' kreditu jew mingħajr ma jnaqqsu s-sjieda u l-kontroll eżistenti.

appoġġata l-aggregazzjoni tal-proġetti għall-operaturi ż-żgħar. Wara t-tħabbira reċenti tal-ewwel operazzjoni tat-Tkabbir għall-Energija⁶, il-BEI se jkabbar l-skala ta' din l-inizjattiva, abbażi tal-ispeċifitàjiet u l-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru. Din il-faċilità se ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jsellfu lil operaturi żgħar.

TNAQQIS TAR-RISKJI PERMEZZ TAL-UŻU STRATEGĠIKU TAL-FONDI PUBBLIĊI

Il-kapital pubbliku għandu rwol vitali fit-tnaqqis tar-riskji u fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-QFP kien għodda ewlenija biex jitnaqqsu r-riskji ta' investimenti fl-enerġija nadifa, li jipprovdi finanzjament pubbliku kruċjali, inkluż permezz tal-programm InvestEU, il-programm ta' investment ewlieni tal-Unjoni Ewropea. InvestEU jappoġġa l-investimenti fl-enerġija nadifa b'mod trażversali permezz ta' garanziji, li jippermettu l-investment fi proġetti u f'intrapriżi li jimmiraw l-istadji kollha tal-iżvilupp, inklużi kumpaniji start-up sa stadju ta' scale-up kif ukoll l-implimentazzjoni. Sa issa, InvestEU mmobilizza aktar minn EUR 57 biljun f'investimenti relatati mal-enerġija.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss tafferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwat għall-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-katina tal-provvista tagħha⁷ u l-proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija, inkluż fl-istadju tar-riċerka u innovazzjoni (R&I), fost l-oħrajn billi ssaħħaħ l-istrumenti finanzjarji biex timmobilizza l-investment privat. Il-finanzjament għall-investimenti fl-enerġija huwa disponibbli b'mod partikolari taħt il-PSNR, il-FEK, Orizzont Ewropa u taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) – Enerġija li l-baġit tagħha żdied b'ħames darbiet għal madwar EUR 30 biljun. Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom se jkompli jkun strument ewlieni biex jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni nukleari.

F'Ġunju 2025, il-Kummissjoni adottat il-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa (CISAF, Clean Industrial Deal State aid Framework)⁸ li jstabbilixxi l-kriterji li l-Kummissjoni se tapplika għall-valutazzjoni tal-proposti ta' għajnuna tal-Istati Membri għall-appoġġ finanzjarju biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt għal Industrija Nadifa u t-tranżizzjoni b'emissjonijiet zero netti. Is-CISAF se jippermetti l-ġhoti ta' għajnuna rapida għal proġetti. Dan jikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-UE billi jaċċellera l-indipendenza mill-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u investimenti ġodda fil-manifattura tat-teknoloġija nadifa, filwaqt li jippreserva l-integrità tas-Suq Uniku.

⁶ F'din l-operazzjoni, il-BEI jkopri perċentwal tal-iskopertura għar-riskju tal-bank kummerċjali għal self għal proġetti tal-enerġija eliġibbli fil-livell ta' utilità muniċipali, biex jippermetti lill-bank jalloka inqas kapital għal self, u b'hekk iżid il-kapaċità ta' self tiegħu, ara <https://www.eib.org/en/press/all/2025-469-eib-and-commerzbank-join-forces-for-eur1-2-billion-energy>

⁷ F'konformità mal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u r-Regolamenti tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika

⁸ Għal aktar sfond ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/about/contribution-clean-just-and-competitive-transition/clean-industrial-deal-state-aid-framework-cisaf_en.

Il-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mis-CISAF biex jaçcelleraw l-enerġija nadifa, il-miżuri ta' flessibbiltà mhux fossili u l-mekkaniżmi tal-kapaçità, il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni industrijali, u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riskji mill-investment f'dawn l-oqsma prijoritarji permezz ta' fondi ta' investment iddedikati. Il-Kummissjoni tistma li s-CISAF jista' jimmobilizza investimenti fil-firxa ta' biljuni bi tliet ċifri jekk l-Istati Membri jkomplu jistabbilixxu skemi simili bħal daww stabbiliti taħt il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni (TCTF, Temporary Crisis and Transition Framework).⁹

Bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll Rakkomandazzjoni għat-tfassil ta' miżuri tat-taxxa kosteffettivi, sempliċi u f'waqthom li jstimulaw l-investment f'teknoloġiji nodfa u d-dekarbonizzazzjoni industrijali.¹⁰

Azzjoni 3: Tnaqqis tar-riskji tat-teknoloġiji innovattivi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija nadifa u l-ħżin fit-tul

L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija tistma li madwar **35 % tat-tnaqqis tal-emissjonijiet meħtieġ sal-2050 se jiddependi fuq teknoloġiji li għadhom ma humiex disponibbli fis-suq.**¹¹ Is-suċċess tat-tranżizzjoni huwa strutturalment dipendenti fuq l-innovazzjoni — fuq it-tmejjja 'l quddiem ta' ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa li kapaċi jwasslu enerġija affordabbli, affidabbli u dekarbonizzata fuq skala kbira. Il-Kummissjoni tipproponi l-azzjonijiet li ġejjin biex tappoġġa l-innovazzjoni:

a) Inwasslu l-ġenerazzjoni li jmiss ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa għall-kummerċjalizzazzjoni

Il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Grupp tal-BEI se żżid l-appoġġ għal investimenti privati f'teknoloġiji innovattivi tal-enerġija nadifa (eż. il-ħżin tal-enerġija fit-tul (LDES), teknoloġija eolika lil hinn mill-kosta galleġġanti li żżomm f'wiċċ l-ilma, installazzjoni fotovoltajka solari galleġġanti, l-enerġija mill-oċeani (mewġ u marea), u l-enerġija eolika fl-ajru; forom ġodda ta' varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħall-agrivoltajċi, is-soluzzjonijiet rinnovabbli avvanzati b'bażi bijoloġika, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) u l-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS)) u għall-espansjoni ta' teknoloġiji stabbiliti fi swieq ġodda b'riskji speċifiċi ta' żvilupp (eż. inċertezzi ġeofiżiċi għal proġetti ġeotermali). Dan jista' jinkludi t-tiħi jew l-estensjoni tal-mekkaniżmi eżistenti, bħall-operazzjonijiet ta' dejn ta' riskju u ta' ekwiwità li jistgħu jkunu eliġibbli għal appoġġ mill-programm InvestEU. Se tesplora wkoll l-investment f'fondi b'enfasi fuq it-teknoloġiji tal-enerġija nadifa, inkluż il-ħżin tal-enerġija għal durata twila (LDES, Long-Duration Energy Storage).

Barra minn hekk, it-tnaqqis tar-riskji ta' teknoloġiji nodfa, speċjalment fejn niddependu fuq fornituri ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli, bħal pereżempju għal invertituri solari, jeħtieġ li jissaħħaħ

⁹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Qafas għall-Għajjnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa, (SWD(2025) 850 final, 4.11.2025), p.22.

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-2.7.2025 dwar inċentivi tat-taxxa biex jiġi appoġġat il-Patt għal Industrija Nadifa u fid-dawl tal-Qafas għall-Għajjnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa (C(2025) 4319 final)

¹¹ L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, *Net Zero by 2050 – A Roadmap for the Global Energy Sector*, 2021.

fil-livell nazzjonali u tal-UE. Huwa essenzjali li titwettaq analiżi bir-reqqa tar-riskji taċ-ċibersigurtà għall-użi kollha kkunsidrati għall-finanzjament, u li jiġu ddefiniti miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskju, meta jkun meħtieġ.

Is-Sistema msaħħa u estiża għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet se żżid l-inċentivi ekonomiċi għat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'hekk tnaqqas ir-rekwiżiti ta' appoġġ finanzjarju. Il-programm Orizzont Ewropa u l-Fond għall-Innovazzjoni se jkomplu jipprovdu appoġġ ta' għotja rilevanti. Pereżempju, taħt il-programm ta' ħidma 2026-27 ta' Orizzont Ewropa, il-Kummissjoni qed tnedi Sejħa ewlenija ta' EUR 600 miljun biex tappoġġa l-Patt għal Industrija Nadifa u qed taċċellera l-maturità teknoloġika u t-tnejjija tas-suq ta' dimostraturi avvanzati ta' teknoloġija nadifa u dekarbonizzazzjoni industrijali. Barra minn hekk, skont il-Pjan Direzzjonali Strateġiku li jmiss għad-Diġitalizzazzjoni u l-IA fl-Enerġija, il-Kummissjoni se tnedi azzjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ħruġ ta' permessi biex tappoġġa l-iżvilupp ta' portal pilota għall-ħruġ ta' permessi diġitali b'għodod tal-IA Ġenerattiva.

b) Reatturi Modulari Żgħar / Reatturi Modulari Avvanzati (SMRs/AMRs, Small Modular Reactors/Advanced Modular Reactors)

Diversi kunċetti tal-SMR, inklużi disinji modulari u tal-Ġenerazzjoni IV avvanzati, qed jimxu 'l quddiem lejn dimostrazzjoni f'dan id-deċennju. Il-Kummissjoni llum qed tadotta Strateġija għall-iżvilupp u għall-varar tal-SMRs fl-Ewropa¹². Jekk dawn it-teknoloġiji jridu jilhqqu l-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni kmieni fis-snin 2030, jeħtiġilna nindirizzaw l-isfidi ta' finanzjament minħabba r-riskji oġhla tat-teknoloġija u tal-varar.

Il-Grupp tal-BEI se jappoġġa, permezz ta' dejn ta' riskju u prodotti finanzjarji oħra, it-tnaqqis tar-riskji ta' investimenti allinjati mal-istrateġija tal-SMR u l-faċilitajiet taċ-ċiklu tal-fjuwil u l-katina tal-provvista assoċjati, li jistgħu jkunu eliġibbli għall-appoġġ ukoll taħt il-programm InvestEU¹³.

c) Appoġġ għal scale-up ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija nadifa permezz tal-Fond Scale-up Europe

Bħala parti mill-Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up ippubblikata f'Mejju 2025, il-Kummissjoni nediet Fond Scale-up Europe ġestit u kofinanzjat privatament biex titnaqqas id-diskrepanza fil-finanzjament għal kumpaniji scale-up ta' teknoloġija profonda u rivoluzzjonarja. Il-fondi ta' riskju korporattivi tal-enerġija u investituri interessati potenzjali oħra fl-enerġija nadifa innovattiva diġà jistgħu jingħaqdu man-Network ta' Investituri Fdati eżistenti billi jsiru sħab ta' investment fil-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, li se jkun ikkomplementat mill-Fond Scale-up Europe.

d) Tisħiħ tal-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-iżvilupp u l-użu fil-futur ta' reatturi modulari żgħar (SMRs) fl-Ewropa", COM (2026) 117.

¹³ Il-garanzija tal-InvestEU ma tistax tintuża għal operazzjonijiet li jiffukaw fuq id-dekummissjonar, l-operat, l-adattament jew il-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari.

Il-Kummissjoni flimkien mal-Grupp tal-BEI qed taħdem fuq it-tisħiħ tal-Prodott ta' Garanzija tas-Sostenibbiltà ta' InvestEU, ġestit mill-FEI. Din iż-żieda fil-kapaċità, flimkien mal-introduzzjoni ta' opportunitajiet ġodda permezz ta' koinvestimenti, konsegwentement se jippermettu aċċess ulterjuri għall-prodott għad-dekarbonizzazzjoni u għall-effiċjenza enerġetika tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs, small and medium-sized enterprises).

F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli, fl-2026 il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI se jniedu skema pilota bl-għan li jisfruttaw EUR 500 miljun ta' finanzjament biex jaċċelleraw ukoll l-offerta u l-adozzjoni tal-mudelli tal-“effiċjenza enerġetika bħala servizz”, flimkien ma' fondi ta' investiment speċjalizzati u bl-appoġġ potenzjali taċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU. Dan se jikkomplementa l-appoġġ kurrenti tal-Grupp tal-BEI għas-servizzi tal-enerġija, u għas-soluzzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni għall-SMEs.

Fil-QFP li jmiss, l-oġettivi dwar l-effiċjenza enerġetika għandhom jiġu appoġġati taħt il-Fond Ewropew għall-Kompetittività il-ġdid. Strument li Jaċċellera l-effiċjenza enerġetika jista' juża l-għodod tal-FEK (eż. kombinazzjoni ta' għotjiet, appoġġ ripagabbli, servizzi ta' konsulenza bħall-assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti). Dan se jappoġġa l-aggregazzjoni ta' proġetti ta' investiment, inkluż għat-tisħin u t-tkessi, biex jiżdied l-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' suq kummerċjabbli tal-effiċjenza enerġetika.

Il-Grupp tal-BEI jista' jkollu rwol ewlieni billi jipproponi offerta konsolidata ta' finanzjament (eż. self, garanziji u għotjiet), inkluż permezz tar-riżorsi proprji tiegħu.

L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK u strumenti bħall-Inizjattiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika għall-SMEs, u jista' jieħu l-forma ta' appoġġ ripagabbli, appoġġ konsultattiv u għotjiet.

e) L-iżgurar ta' sinerġiji u l-massimizzazzjoni ta' finanzjament pubbliku effettiv għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa

L-Istati Membri jużaw ukoll fondi nazzjonali biex inaqqsu r-riskji ta' investimenti fl-enerġija nadifa; madankollu, in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejniethom jista' jwassal għal ineffiċjenzi. Bl-isfruttar ta' oqfsa eżistenti bħat-Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija u l-Kunsill ta' Investiment għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija (ara l-Azzjoni 4), il-Kummissjoni se tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-Istati Membri rigward il-varar tal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament pubbliku tagħhom (eż. permezz ta' banek promozzjonali nazzjonali). L-għan huwa li tiġi pprovduta gwida politika dwar prijoritajiet komuni u li jiġu ottimizzati l-użi tar-riżorsi, tiġi evitata d-duplikazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp u fi proġetti transfruntiera u tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni transfruntiera, il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki u proġetti pilota.

DJALOGU DWAR L-INVESTIMENT U FINANZJAMENT STRATEGĠIKU MTEJBA

Azzjoni 4: L-istabbiliment ta' Kunsill ta' Investiment għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija

Il-Kummissjoni se tistabilixxi l-Kunsill ta' Investiment għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija, li jinkludi rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-investment (inklużi investituri istituzzjonali) u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, Stati Membri u uffiċjali ta' livell għoli tal-Kummissjoni. Dan se jservi bħala pjattaforma ddedikata ffukata fuq l-enerġija għal feedback strateġiku, li tgħin biex jiġi żgurat li l-politiki u l-finanzjament tal-UE jallinjaw mal-ħtiġijiet tal-investituri u jappoġġaw l-investment privat fit-tul fis-settur tal-enerġija, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza tad-Djalogu mal-Investituri dwar l-Enerġija stabbilit fl-2022. Se tiżgura li l-attivitajiet tagħha jipproċedu mingħajr ma jikkoinċidu jew jaffettwaw l-istrutturi ta' governanza futuri tal-FEK. Dan se jinkludi wkoll dimensjoni ta' innovazzjoni u ta' adozzjoni mis-suq f'koordinazzjoni mal-Pjan SET u se jesplora sinerġiji potenzjali mal-Pjattaforma ta' Investiment T-Med.

Il-Kunsill ta' Investiment għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija se jkollu sottogrupp magħmul minn rappreżentanti tal-Grupp tal-BEI, Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFIs, International Financial Institutions), Banek u Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali (NBPIs, National Promotional Banks and Institutions) u banek pubbliċi nazzjonali oħra biex jiddiskutu r-rwol ta' dawn l-istituzzjonijiet fit-tisħiħ tal-flussi ta' finanzjament għal proġetti tal-enerġija u fit-tisħiħ tal-mobilizzazzjoni tal-kapital privat.

3 KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

L-investment fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa jfisser investment fis-sigurtà, fil-kompetittività u fis-sostenibbiltà tagħna. Din l-Istrateġija u l-azzjonijiet fil-mira tagħha għandhom l-għan li jgħinu fil-mobilizzazzjoni tal-kapital privat istituzzjonali fuq skala kbira, abbażi tar-rikonossiment li huwa meħtieġ investment privat addizzjonali fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa għall-kompetittività, is-sigurtà u d-dekarbonizzazzjoni Ewropej.

L-Istrateġija tibni fuq il-politika u l-qafas finanzjarju eżistenti. L-Unjoni Ewropea għandha qafas legali robust u prevedibbli u l-aġenda politika tagħha hija stabbilita b'mod ċar. **Il-qafas futur dwar l-enerġija u l-klima għad-deċennju li ġej** se jkompli jiċċara l-ambitu u n-natura tal-investimenti meħtieġa. Il-Kummissjoni se tippreżenta **Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet tas-Sistema tal-Enerġija għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa (ENACT)** u l-pakkett **leġiżlattiv ta' wara l-2030 fil-Q4 2026**, li se jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt komprensiva, biex taġġorna d-**daqs u n-natura** tal-ħtiġijiet ta' investment u ttiprovdi aktar granularità u għarfien biex tappoġġa t-teħid ta' deċizzjonijiet tal-investituri u tal-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Il-Pjanijiet Nazzjonali Futuri għall-Enerġija u l-Klima jenħtieġ li jiddistingwu b'mod ċar il-**kontribuzzjoni tal-finanzjament pubbliku u l-opportunità għal investimenti privati**. Dan se jgħin biex jittejjeb il-fehim tal-opportunitajiet ta' finanzjament pubbliku u tal-investment privat madwar l-Istati Membri, filwaqt li jiġi żgurat użu mmirat tar-riżorsi. Il-**QFP 2028-2034** u l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ pubbliku se jkunu kritiċi bħala lieva biex jiġi sfruttat il-finanzjament privat.

L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija għall-Investment fl-Enerġija Nadifa teħtieġ l-allinjament strateġiku tal-fondi tal-UE u l-politiki abilitanti, flimkien mal-involviment kollettiv tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, il-kapital istituzzjonali u l-entitajiet finanzjarji privati. **Il-Grupp tal-BEI huwa sieħeb ewlieni fl-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija li għandu l-ħsieb li jagħmel impenn ġenerali ta' EUR 75 biljun ta' finanzjament matul it-3 snin li ġejjin b'appoġġ għall-oġġettivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-istrateġija. Il-programm InvestEU se jamplifika l-kapaċità tal-Grupp tal-BEI u ta' sħab ta' implimentazzjoni oħrajn fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' riskju għoli.**

L-Istrateġija twassal għar-riżultati mixtieqa biss meta tiġi implimentata bis-sħiħ u b'mod effettiv. Il-Kummissjoni se teżegwixxi u se timmonitorja l-progress lejn l-għanijiet tal-Istrateġija permezz tal-Kunsill ta' Investment għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija li jipprovdi sħubija strutturata mal-komunità ta' investment. **L-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Investment għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija se tissejjaħ mill-Kummissjoni Ewropea fil-Q2 2026.** Il-progress se jiġi mmonitorjat ukoll fil-kuntest tat-Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija.

L-iskala tal-isfida tal-investment hija sinifikanti. Iżda l-istess huwa l-kapital privat disponibbli li jista' jiġi mmobilizzat għat-tranżizzjoni tal-enerġija. **L-aċċellerazzjoni tal-pass tal-investment hija importanti ħafna għall-UE biex iżżid il-kompetittività tagħha** u twettaq il-Patt għal Industrija Nadifa u l-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli.